


[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Servizz Ta' Dokumenti: Trasmissjoni Uffiċjali Ta' Dokumenti Legali](#) > [Portugal](#)

Servizz ta' dokumenti: trasmissjoni uffiċjali ta' dokumenti legali

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)



1 F'termini prattiċi xi jfisser it-terminu legali "notifika ta' dokumenti"? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-"notifika ta' dokumenti"?

It-taħrika (*citação*) hija l-att li bih persuna (konvenut, intimat, parti tintalab l-eżekuzzjoni kontriha) issir taf li nfetħet kawża kontriha. Tintuża biex tistieden lill-persuna kkonċernata tidher quddiem il-qorti għall-ewwel darba sabiex tiddefendi lilha nfisha. It-taħrika tintuża wkoll biex tistieden lil persuna b'interess fil-kawża, iżda li inizjalment ma tkunx intervjeniet, biex tidher għall-ewwel darba sabiex tintervjeni flimkien mal-attur jew mal-konvenut (l-Artikolu 219(1) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili \(Código de Processo Civil\)](#)).

In-notifika (*notificação*) tintuża sabiex tistieden lil persuna biex tidher quddiem il-qorti jew biex tinformaha b'fatt (l-Artikolu 219(2) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)).

Ir-regoli speċifiċi dwar it-taħrika u n-notifika huma stipulati fil-Ktieb II, it-Titolu I, il-Kapitolu II, it-Taqsima II tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#). Ir-raġuni għal dawn ir-regoli hija sabiex il-komunikazzjoni effettivament tasal għand id-destinatarju, u jekk tkun parti fil-proċedimenti, biex jiġi ggarantit id-dritt għad-difiża.

2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu notifikati b'mod formali?

L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 227 tal- [Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#) tiġi nnotifikata.

L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 220 tal- [Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#) tiġi nnotifikata.

3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?

Fi proċedimenti pendenti, it-taħrika u n-notifika ġeneralment jistgħu jsiru minn uffiċjali ġudizzjarji, uffiċjali tal-eżekuzzjoni jew mir-rappreżentant legali ta' waħda mill-partijiet, skont il-forma ta' notifika/taħrika msemmija fit-tweġiba għall-mistoqsija 5.

4 Ksib ta' informazzjoni dwar l-indirizzi

4.1 L-awtorità li ssirilha t-talba f'dan l-Istat Membru tipprova tistabbilixxi fuq inizjattiva tagħha stess l-inħawi tad-destinatarju tad-dokumenti li għandhom jiġu notifikati jekk l-indirizz indikat ma jkunx korrett? Ara wkoll in-notifika taħt l-Artikolu 7(2)(c) tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti

Iva. Skont id-dritt Portugiż huwa l-obbligu tal-uffiċjali ġudizzjarji li jwettqu, *ex officio*, il-passi kollha meħtieġa biex jinnotifikaw lil persuna (l-Artikolu 226(1) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)).

Jekk ma jistgħux jagħtu n-notifika, l-uffiċjali ġudizzjarji jikkonsultaw l-informazzjoni li hija disponibbli elettronikament f'dipartimenti oħrajn tal-gvern sabiex jaraw kienx hemm bidla fir-residenza u jstabbilixxu l-indirizz attwali tal-persuna li għandha tiġi nnotifikata (l-Artikolu 236(1) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)).

Għall-finijiet tal-Artikolu 7(2)(c), is-sitwazzjoni għall-aġenziji riċeventi differenti hija kif ġej:

It-taqsimi ġenerali (*juízo de competência genérica*) jew it-taqsimi ċivili lokali (*juízo local cível*), jekk teżisti, tal-qorti distrettwali li jkollha ġuriżdizzjoni: sabiex jiġu nnotifikati d-dokumenti meta l-indirizz indikat fit-talba għal notifika jkun żbaljat, l-aġenzija riċeventi għandha tapplika l-liġi domestika għal kawżi simili f'tilwim domestiku, jiġifieri d-dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Artikoli 226 u 236 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż;

L-aġenti tal-eżekuzzjoni (l-Assoċjazzjoni tas-Solicitors u tal-Aġenti tal-Eżekuzzjoni (*Ordem dos Solicitadores e dos Agentes de Execução* - OSAE)): it-talbiet isiru lir-reġistri tad-domiċilju jew lil bażijiet tad-*data* oħrajn, jekk tali reġistri jew bażijiet tad-*data* jkunu jeżistu, sabiex jinstab l-indirizz il-ġdid tal-persuna li għandha tiġi nnotifikata.

4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhil-proċedura li trid tiġi segwita? Xi ħlas irid isir, jekk hemm?

Le. Din il-possibbiltà teżisti biss għall-awtoritajiet u l-entitajiet nazzjonali.

4.3 Liema tip ta' assistenza mingħand Stati Membri oħra fir-rigward ta' ksib ta' informazzjoni dwar l-indirizzi jipprovdu l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti? Ara wkoll in-notifika taħt l-Artikolu 7(1) tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti

Għall-finijiet tal-Artikolu 7(1)(a), l-awtorità maħtura li lilha l-aġenziji mittenti jistgħu jindirizzaw talbiet biex jiġi stabbilit l-indirizz tal-persuna li għandha tiġi nnotifikata hija:

Id-Direttorat Ġenerali għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (*Direção-Geral da Administração da Justiça*)

Av. D. João II, Nru 1.08.01 D/E, Pisos 0, 9-14

PT - 1990-097 LISBONA

Tel.: (+351) 217 906 500 - (+351) 217 906 200/1

Faks: (+351) 211 545 116 - (+351) 211 545 100

Indirizz tal-posta elettronika: correio@dgaj.mj.pt

Sit web: <https://dgaj.justica.gov.pt/>

5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (apparti n-notifika alternattiva msemmija fil-punt 7 iktar 'l isfel)?

F'termini prattiċi, il-proċedura biex dokument jiġi nnotifikat lil persuna hija stabbilita fl-Artikolu 225 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#).

F'termini prattiċi, il-proċedura biex dokument jiġi nnotifikat lil persuna permezz tal-pubblikazzjoni hija stabbilita fl-Artikolu 240 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#).

Fil-prattika, in-notifika ssir bil-modi li ġejjin:

- Il-proċedura għan-notifika lil partijiet li jaħtru rappreżentant legali hija stipulata fl-Artikolu 247 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#).

- Il-proċedura għan-notifika lil partijiet li ma jaħtrux rappreżentant legali hija stipulata fl-Artikolu 249 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#).
- Il-proċedura għan-notifika lil partijiet terzi hija stipulata fl-Artikolu 251 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#).
- Il-proċedura għan-notifika lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku hija stipulata fl-Artikolu 252 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#).
- Il-proċedura għan-notifika ta' deċiżjonijiet tal-qorti hija stipulata fl-Artikolu 253 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#).
- Il-proċedura biex isiru notifikati permezz ta' att ġudizzjarju hija stipulata fl-Artikolu 254 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#).
- Il-proċedura biex isiru notifikati bejn ir-rappreżentanti legali hija stipulata fl-Artikolu 255 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#).
- Il-proċedura biex isiru notifikati individwali hija stipulata fl-Artikolu 256 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#).

Minbarra n-notifika ta' dokumenti f'perjodu stabbilit imsemmi fil-punt 7 *hawn taħt*, id-dritt nazzjonali Portugiż ma jipprevedix l-użu ta' xi metodi alternattivi oħrajn.

6 Hija permessa n-notifika elettronika tad-dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extraġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa previst dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professionist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?

Iva. Pereżempju, dawn li ġejjin preferibbilment isiru bit-trażmissjoni elettronika tad-*data* mis-sistema kompjuterizzata tal-qrati:

- Notifikati lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku (l-Artikolu 252(2) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)).
- Lir-rappreżentanti legali (l-Artikolu 248(1) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)).
- Lis-solicitors u lill-aġenti tal-eżekuzzjoni (l-Artikolu 31(1) tal-Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali (*Portaria*) li tirregola l-[ipproċessar elettroniku tal-proċedimenti tal-qorti](#)).

Meta d-daqs tad-dokument proċedurali li għandu jiġu sottomess ikun inkompatibbli ma' trażmissjoni elettronika (l-Artikolu 10(1) tal-Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali li tirregola l-[ipproċessar elettroniku tal-proċedimenti tal-qorti](#)) jew id-dokumenti li għandhom jintbagħtu jeżistu biss fuq mezzi fiżiċi (l-Artikolu 144(11) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)), jew il-kawża ma tirrikjedix li jinħatar rappreżentant legali u l-parti ma taħtarx wieħed (l-Artikolu 144(7) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)), jew f'każijiet ta' impediment ġustifikat (l-Artikolu 144(8) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)):

- Id-dokumenti proċedurali jistgħu jiġu kkonsenjati lir-reġistru tal-qorti, bil-posta jew b'fax (l-Artikolu 144(7) u (8) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#));
- Id-dokumenti proċedurali jistgħu jiġu nnotifikati b'rekord tal-konsenja, bil-posta jew b'fax.

Dawn ir-regoli japplikaw fi proċedimenti ġudizzjarji ta' natura ċivili jew kummerċjali quddiem il-qrati tal-prim'istanza. Huma japplikaw ukoll f'ċerti każijiet għal proċedimenti quddiem in-nutara (pereżempju wirt) jew ir-reġistraturi ċivili (pereżempju kwistjonijiet tal-familja fejn ikun hemm ftehim).

6.1 Liema tipi ta' notifika elettronika fis-sens tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti huma disponibbli f'dan l-Istat Membru fejn għandha ssir in-notifika direttament lil persuna, li jkollha indirizz magħruf għan-notifika fi Stat Membru ieħor?

Il-Portugall għadu ma jipprevedix li d-dokumenti jiġu nnotifikati b'mod elettroniku lil indirizz magħruf fi Stat Membru ieħor.

6.2 Dan l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti speċifika l-kundizzjonijiet addizzjonali li bihom jaċċetta n-notifika elettronika permezz tal-email imsemmija fl-Artikolu 19(1)(b) ta' dan ir-Regolament? Ara wkoll in-notifika taħt l-Artikolu 19(2) tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti

Id-dritt nazzjonali Portugiż ma jipprevedix li d-dokumenti jiġu nnotifikati b'mod elettroniku, ħlief fil-każijiet ta' impediment imsemmija fil-mistoqsija 6.

7 Notifika “alternattiva”

7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika f'każijiet li fihom ma kienx possibbli li d-dokumenti jiġu notifikati lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?

Iva. Barra minn hekk, id-dritt Portugiż jipprevedi wkoll għan-notifika ta' dokumenti f'terminu speċifiku kif stipulat fl-Artikolu 232 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#).

7.2 Jekk jiġu applikati metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li ġew notifikati?

In-notifika bil-posta titqies li saret fil-ġurnata meta jidher li ġiet iffirmata l-konferma tar-riċevuta (l-Artikolu 230 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)).

In-notifika lil persuna minn uffiċjali tal-eżekuzzjoni, uffiċjali ġudizzjarji u rappreżentanti legali titqies li seħħet fid-data meta tinkiteb ir-referta (l-Artikolu 231(3) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)).

In-notifika l-impustar ta' avviż ta' notifika titqies li seħħet fid-data indikata fl-avviż (l-Artikolu 232(4) tal-[Kodiċi ta' Proċedura Ċivili](#)).

7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika jkun id-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif jiġi infurmat b'dak id-depożitu?

F'każ ta' notifika b'ittra reġistrata, b'konferma tar-riċevuta jew mingħajrha, jitħalla avviż tal-konsenja fil-kaxxa postali jekk il-pustier ma jkun jista' jsib lil ħadd fl-indirizz indikat. L-avviż tal-konsenja jinforma lid-destinatarju illi l-ittra tħalliet fl-uffiċċju tal-posta, flimkien mal-indirizz, il-ħinijiet tal-ftuħ u t-terminu għall-ġbir tagħha (l-Artikolu 228 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)).

7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkunu l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament notifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?

Meta n-notifika ssir bil-posta u jkun hemm prova ta' rifjut tal-ittra jew biex tiġi ffirmata l-konferma tar-riċevuta, in-notifika titqies li saret kif ġej u f'dawn iċ-ċirkostanzi:

- Permezz ta' avviż miktub mill-pustier li jiċċertifika r-rifjut minn persuna fiżika, ir-rappreżentant ta' persuna ġuridika, jew impjegat tagħha, li jiffirma l-konferma tar-riċevuta jew li jirċievi l-ittra (l-Artikoli 228(6) u 246(3) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)).
- F'każijiet fejn il-partijiet jistgħu jaqblu fuq l-indirizz għan-notifika, tiġi segwita l-proċedura stipulata fl-Artikolu 229(3) u (4) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#).

Meta n-notifika ssir personalment minn uffiċjal tal-eżekuzzjoni jew uffiċjal ġudizzjarju, u jkun hemm provi tar-rifjut mill-persuna li għandha tiġi notifikata li tiffirma ċ-ċertifikat tan-notifika jew li tirċievi kopja tiegħu, in-notifika titqies li saret, f'liema każ:

- L-uffiċjal tal-eżekuzzjoni jew l-uffiċjal ġudizzjarju jinforma lill-persuna li għandha tiġi nnotifikata illi l-kopja hija disponibbli fir-reġistru tal-qorti u jniżżel din l-informazzjoni u l-fatt li kien hemm rifjut mill-persuna li għandha tiġi nnotifikata fiċ-ċertifikat tan-notifika (l-Artikolu 231(4) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)).
- Barra minn hekk, ir-reġistru jinnotifika lill-persuna li għandha tiġi nnotifikata b'ittra reġistrata fejn jindika għal darb'oħra illi ż-żewġ kopji tar-rikors promotur u d-dokumenti li jakkumpanjawh huma disponibbli fir-reġistru (l-Artikolu 231(5) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)).

In-notifika titqies li ma saritx biss jekk ir-rifjut ikun leġittimu. Ir-rifjut huwa leġittimu meta l-persuna li għandha tiġi notifikata ma tistax tinstab għaliex ma tirrisjedix jew mhix stabbilita fl-indirizz indikat, jew jekk persuna terza tgħid illi mhix f'pożizzjoni li twassal l-ittra.

8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 18 tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti)

8.1 Jekk is-servizz postali jwettaq il-konsenja ta' dokument mibgħut minn barra lil destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn konferma tar-riċevuta (l-Artikolu 18 tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti), is-servizz postali jwettaq il-konsenja lid-destinatarju stess biss jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-konsenja tal-posta, iwettaq il-konsenja tad-dokument lil persuna oħra fl-istess indirizz ukoll?

Meta notifika li ssir bil-posta, b'konferma tar-riċevuta, toriġina minn barra, is-servizzi tal-posta Portugiżi jistgħu jwasslu l-ittra u d-dokumenti lil persuna li għandha tiġi notifikata jew lil persuna terza fl-istess indirizz li tiddikjara li hija f'pożizzjoni li twassal l-ittra lid-destinatarju.

8.2 Skont ir-regoli tal-konsenja tal-posta f'dan l-Istat Membru, kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti, jekk la d-destinatarju u lanqas xi ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-konsenja tal-posta – ara aktar 'il fuq) ma jkun instab fl-indirizz tal-konsenja?

Ara t-tweġiba għad-domanda 7.3.

8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-ġbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għaliex ma jkunux ġew konsenjati? Jekk iva, kif jiġi infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?

Id-destinatarju għandu tmint ijiem biex jiġbor id-dokumenti mill-uffiċċju tal-posta. Id-destinatarju jiġi infurmat b'dan il-perjodu u bil-fatt illi jista' jiġbor id-dokumenti mill-uffiċċju tal-posta permezz ta' avviż tal-konsenja illi s-servizz tal-posta jħalli fil-kaxxa postali meta l-pustier ma jsib lil ħadd id-dar.

(L-Artikolu 228 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#))

9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie notifikat?

Iva, f'każ ta' notifika, il-konferma tar-riċevuta, iċ-ċertifikat tan-notifika jew l-avviż tan-notifika huma provi bil-miktub illi saret in-notifika.

F'każ ta' notifika, ir-reġistrazzjoni tal-konferma, ir-reġistrazzjoni tal-ittra jew tal-fajl jew ir-referta fformulata fil-proċedimenti huma kollha provi bil-miktub illi saret in-notifika.

F'każ ta' notifika jew avviż bit-trażmissjoni elettronika tad-data, is-sistema kompjuterizzata tal-qradi tiċċertifika d-data u l-ħin tal-ħruġ (l-Artikolu 13(a) tal-Ordinanza ta' Implimentazzjoni Ministerjali li tirregola l-[ipproċessar elettroniku tal-proċedimenti tal-qorti](#)).

10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi notifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?

In-nuqqas ta' notifika huwa difett maġġuri li jwassal għall-invalidità tal-proċedura kollha mir-rikors promotur, iżda bl-esklużjoni tiegħu (l-Artikolu 187 tal-[tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)).

In-nuqqas ta' notifika huwa mifhum lil jseħħ fil-każijiet stipulati fl-Artikolu 188(1) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)

Din l-invalidità titqies li għiet rettifikata biss jekk il-konvenut jew l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku (meta jkun parti) jaġixxi fil-proċedimenti mingħajr ma jopponi minnufih għan-nuqqas tan-notifika (l-Artikolu 189 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)).

In-notifika hija wkoll invalida meta ma jkunx hemm konformità mal-formalitajiet previsti mil-liġi (l-Artikolu 191 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)).

Ir-regoli ġenerali dwar l-invalidità tal-atti huma stipulati fl-Artikolu 195 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)

11 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta dokument abbażi tal-lingwa użata (l-Artikolu 12 tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti) u l-qorti jew l-awtorità invokata tal-proċedimenti ġudizzjarji tiddeċiedi, wara li twettaq verifika, li r-rifjut ma kienx ġustifikat, jeżisti xi rimedju legali speċifiku biex dik id-deċiżjoni tiġi kkontestata?

Iva, id-destinatarju jista' jikkontesta d-deċiżjoni tal-qorti billi jressaq appell quddiem il-Qorti tal-Appell kompetenti (*Tribunal da Relação*).

12 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas? Hemm differenza bejn meta d-dokument għandu jiġi notifikat skont il-liġi domestika u meta t-talba ta' notifika toriġina minn Stat Membru ieħor? Ara wkoll in-notifika taħt l-Artikolu 15 tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti, rigward in-notifika ta' dokument minn Stat Membru ieħor

Iva, f'ċerti każijiet. Il-kost tat-taħrika u tan-notifika jiġu stmati f'UA (Unità tal-Kont).

Il-valur tal-UA fl-2024 kien ta' EUR 102.

Għaldaqstant:

- It-taħrika u n-notifika personali mill-uffiċjali tal-eżekuzzjoni jiswew 0.5 UA meta jirnexxu u 0.25 UA meta ma jirnexxux (Tabella VII annessa mal-[Ordni ta' Implimentazzjoni Ministerjali Nru 282/2013 tad-29 ta' Awwissu 2013](#), b'referenza għall-Artikolu 50(1) tal-istess att legali);
- It-taħrika u n-notifika personali jew b'pubblikazzjoni magħmula mill-uffiċjal ġudizzjarju jiswew 0.5 UA meta jirnexxu u xejn meta ma jirnexxux (l-Artikolu 9(1) tar-[Regolament dwar l-Ispejjeż Proċedurali \(Regulamento das Custas Processuais\)](#)).

Ma tagħmel l-ebda differenza jekk id-dokument li għandu jiġi nnotifikat ikun minn Stat Membru ieħor.

Leġiżlazzjoni rilevanti:

[Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)

[L-ipproċessar elettroniku tal-proċedimenti tal-qorti](#)

[Ir-Regolament dwar il-Kostijiet Proċedurali](#)

[L-Ordni Ministerjali ta' Implimentazzjoni Nru 282/2013 tad-29 ta' Awwissu 2013](#)

[Ir-Regolament \(UE\) 2020/1784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020](#)

Nota finali

L-informazzjoni li tinsab f'din l-iskeda informattiva hija ta' natura ġenerali u mhijiex eżawrjenti. Mhijiex vinkolanti fuq il-punt ta' kuntatt, in-Network Ġudizzjarju Ewropew fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, il-qrati jew kwalunkwe persuna oħra. Mhijiex maħsuba biex tissostitwixxi il-konsultazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli fis-seħħ.

■ L-aħħar aġġornament: 23/01/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.